MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 60/2007/2

**Anthony Attard, Anthony Attard,**
**Armando Chircop u Anthony Spiteri**

**v.**

**Unjoni Haddiema Maghqudin, Malta Maritime Authority**
**(li llum tidher flokha l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta),**
**Onorevoli Prim Ministru,**
**il-Ministru ghall-Kompetitivita` u l-Kommunikazzjonijiet,**
**u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrenti fl-20 ta’ Novembru, 2007, li jaqra hekk:
“Illi l-esponenti qed jadixxu din l-Onorabbli Qorti ghal rimedji u biex ikunu agixxew wara li ntlaqa’ l-mandat ta’ inibizzjoni 1639/2007 fis-16 ta’ Novembru, 2007.

“**Kwadru tal-fatti**:- Ir-rikorrenti huma kollha foremen fix-xoghol tal-port u ghandhom licenzja, li llum hija regolata bil-Kap. 171 tal-ligijiet ta’ Malta. Bhala tali huma self-employed u jezercitaw ix-xoghol taghhom ghall-klijenti taghhom mad-diversi agenti tal-vapuri, li ghandhom il-jedd li jaghzlu lil min iridu bhala foreman. Sal-lum il-foreman m’ghandhom l-ebda restrizzjoni fuq meta ghandhom jirtiraw, l-istess bhal kategoriji ohra li ghandhom licenzja ghan-negozju taghhom, jew warrant. Illi ricentement l-esponenti gew mgharrfa mill-Unjoni Haddiema Maghqudin biex jaslu fi ftehim, kaldeggjat hafna minn zewgt ahwa li dahlu l-ahhar u li naturalment ma lahqux bnew klijentela daqs l-esponenti, u dan ukoll bi qbil mal-awtoritajiet, li dawk li ghalqu l-61 sena jkollhom jirtiraw, fil-waqt li ohrajn ikollhom offerta li jcedu l-licenzja, u jiehdu kumpens. L-esponenti li qabzu l-eta` ta’ 61 jew qrib opponew ghal dan, izda l-Unjoni asseriet li kellha l-maggoranza u tista’ tiffirma ftehim kollettiv. Apparti l-kwistjoni li Unjoni ghandha dritt taghmel collective agreement f’isem “employed persons” u dawn huma self-employed, l-esponenti ghamlu kuntatti informali fosthom mal-Ministru Censu Galea, li esplicitament hedded li ma jgeddidx il-licenzji. Barra minn hekk kien dahlet emenda fil-Kap 171 fejn jinghad li l-Ministru b’regolamenti jista’ jistabbilixxi meta l-foremen “<u>jistghu</u> jirtiraw”, u dan mhux meta l-foremen “<u>ghandhom</u> jirtiraw”.

“Illi rinfaccjati b’dawn is-sitwazzjonijiet l-esponenti ma kellhomx ghazla hlief li jirrikorru quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u jitolbu l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni biex ma jigi ffirmat l-ebda ftehim. Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, b’decizjoni motivata hafna, u mhux b’semplici dikjarazzjoni li kien jidher prima facie li r-rikorrenti kellhom jedd x’jikkawtelaw, fis-16 ta’ Novembru, 2007 laqghet l-istess

talba ghall-mandat b'mod definittiv. Illi ghalhekk trid issir kawza halli l-mandat jibqa' fis-sehh, u ghalhekk qed issir din il-kawza. Illi barra dak li kien se jsir b'mod immedjat, it-theddid ta' tehid ta' licenzja tal-foremen li qabzu l-eta` ta' 61 sena, jew li jsir regolament, ghalkemm potenzjali sa issa, jinkwadraw ukoll fit-talbiet li qed isiru u li jkopru kemm il-mertu tal-mandat u kemm kwestjonijiet ohra ancillari u tentattivi alternattivi halli jintlahaq l-istess skop b'nuqqas ta' tigdid ta' licenzja jew xi legal notice li tmur oltre l-ligi.

"Il-kwadru tal-fatti huwa spjegat tajjeb hafna wkoll fid-decizjoni li laqghet il-mandat.

"**Ragunijiet ta' kif tharrku l-intimati odjerni.**

"L-Unjoni Haddiema Maghqudin tharrek ghaliex kienet se tkun partecipi fl-iffirmar ta' ftehim, u ghalhekk ghandha tigi definittivament inibita halli ma jinkisrux id-drittijiet lamentati mill-esponenti.

"Ghall-istess raguni, l-Malta Maritime Authority kellha titharrek ghaliex ir-rimedji li qed jintalbu ghandhom jorbtu lilha wkoll, u dan stante l-praraventu ta' indipendenza li ghandhom l-awtoritajiet, u stante li t-tigdid tal-licenzja jithallas ghand l-istess awtorita`.

"Il-Prim Ministru qed jitharrek bhala kap tal-kabinett, li fosthom hemm il-Ministru maghzul minnu li ghandu setgha li johrog regolamenti.

"Il-Mnistu ghall-Kompetitivita` u l-Komunikazzjoni peress li ghandu l-poter li johrog regolamenti taht il-Kap. 171 tal-Ligijiet.

"L-Avukat Generali kellu jitharrek bhala li ghandu r-rapprezentanza guridika tal-istat Malti u sahansitra ghamel risposta fil-mandat.

"**Raguni ghala saret din il-kawza fil-Prim' Awla fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali.**

Sal-lum ghad ma hemm l-ebda att amministrattiv konkret li kien jaghti xi dritt ta’ azzjoni taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Kieku kien hekk, dak l-att seta’ kien hemm talba biex jigi annullat. Dan mhux il-kaz, peress li kollox ghadu in fieri u mhux de facto. Ma hemm l-ebda rimedju iehor koncepibbli u li facilment jaghti rizultat. Il-mandat ta’ inibizzjoni huwa pass wiehed, imma ghandu ezstenza biss ghal 20 gurnata jekk ma jkunx segwit b’azzjoni gudizzjarja. Din hija wkoll azzjoni gudizzjarja ghaliex l-esponenti ghandhom dritt jadixxu din l-Onorabbli Qorti mhux biss meta ssir vjolazzjoni imma wkoll jekk ikun hemm theddida serja ta’ tali vjolazzjoni. F’dan il-kaz bizzejjed li wiehed jara r-risposti li hemm ghall-mandat 1639/2007 biex malajr jikkonvinci ruhu li t-theddida mhix ipotetika.

“L-esponenti diga` qajmu l-bazi ta’ din l-azzjoni waqt is-smiegh tal-mandat u dan b’riferenza ghall-Konvenzjoni Ewropea u ghall-aspetti ta’ diskriminazzjoni li fuqhom hija bazata din l-azzjoni.

“L-anqas jista’ jinghad li hija intempestiva, u dan ghar-raguni li skond l-ordinament ta’ pajjizna wiehed m’ghandux jistenna li jaqtghulu rasu, u mbaghad iressaq ilment. L-espressjoni “jaqtghulu rasu” hija uzata hafna mill-Maltin biex tiddeskrivi meta xi hadd jtellfuh dritt li jkollu.

“U peress li fil-mori tal-kawza dahal in effett l-Avviz Legali 437 tal-2007 taht il-Kap 171 li jaghmilha tassattiva l-irtirar mal-61 sena ta’ eta`; U minkejja li l-Att principali fit-test Malti tieghu jaghti fakolta` lill-Ministru li jaghmel regolamenti meta foremen jistghu jirtiraw, fil-fatt bir-regolamenti 437 tal-2007 gie impost li l-foremen ikollhom jirtiraw mal-gheluq tal-61 sena.

“L-esponenti ghandhom interess guridiku, attwali u personali li jaghmlu din il-kawza.

“Dan kollu qed jinghad halli jigu anticipati eccezzjonijiet ta’ natura procedurali u jkun hemm minn qabel ir-risposta taghhom.

"**Kawzali ta' din l-azzjoni.**

"**Il-licenza tal-esponenti huwa dritt ta' proprjeta`**, u l-esponenti ghandhom dritt li ma jigux spussessati minn tali licenzja jekk mhux skond il-ligi. Li licenzja hija koperta mill-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea gie stabbilit fis-sentenza Pudas v. Sweden.

"Il-ligi taghmel regoli meta licenzja ta' foreman tista' tigi rtirata, u dan minhabba imgieba hazina. Hawn ma saret l-ebda allegazzjoni ta' ksur tal-licenzja, imma semplicement intqal li hemm foremen zejda u allura hemm bzonn riduzzjoni, u ghalhekk kien hemm it-tentattiv li jsir ftehim halli jkun hemm min jitlaq wara hlas ta' kumpens, u l-ohrajn igibuhom li minhabba l-eta` tkun irtirata jew tiskadi l-licenzja. Il-fatt li jinghata kumpens halli self-employed jirrinunzja ghal-licenzja huwa ammissjoni implicita li tali licenzja hija dritt ta' proprjeta`.

"Kien stramb li l-Unjoni Haddiema Maghqudin tipprova taghmel "collective agreement" meta tali tip ta' agreement huwa biss possibbli minn Union li jkollha l-maggoranza f'isem impjegati, u l-esponenti m'humiex impjegati <u>imma self-employed</u>. Ghalhekk tali ftehim jew "collective agreement" mhux skond il-ligi, u qatt ma jista' jorbot lill-esponenti ghaliex ikun qed icahhadhom minn dritt ta' proprjeta` b'mod mhux skond il-ligi.

"Jekk jinghad, kif diga` inghad, li dan qed isir fl-interess pubbliku, tali tezi hija mhux biss imgebbda imma ghal kollox infondata u biex tahbi l-verita`. Apparti n-nies li jaccettaw li jirrinunzjaw volontarjament ghal-licenzja, jekk jibqa' nies zejda u se jsir, fl-interess pubbliku, ftehim kollettiv, allura skond il-ligi, u spjecjalment il-Kap. 452, wiehed irid jara x'jigri f'comparable collective agreements. Huwa maghruf li meta hemm redundancies, japplika l-principju "<u>last in first out</u>". Imma dan il-principju mhux applikat hawn, anzi qed isir bil-maqlub. L-esponenti kollha kien ilhom jahdmu bhala foremen, u fl-1990 gew regolarizzati bil-licenzja, ghaliex il-licenzja kien ilhom ma johorgu minn xi hamsa u ghoxrin sena qabel. Wara snin,

zewgt ahwa Charles u George Portelli hadu t-tnejn licenzja u dan kien wara s-sena 2000. Dawn l-istess nies issa tqeghedu fuq kumitat li fl-interess pubbliku jaghmlu riorganizzazzjoni tal-qasam. Naturalment huma mhux se jissuggerixxu li japplika l-principju “last in first out”. U hija stramba li trade-union tapplika principju “last in last out”.

“Imma kemm hu verament fl-interess pubbliku? Mhux qed jinghad li mhux se jkun hemm foremen imma li jkun hemm anqas. Min se jgawdi? L-agenti tal-vapur, meta jonqsu l-foremen li kellhom, se jkollhom ifittxu foremen ohra bil-licenzja. Dan ifisser li bil-manuvra kollha jittiehed ix-xoghol ta’ dawk li spiccaw, mod jew iehor, u dan ix-xoghol naturalment jinghata lil haddiehor. Il-Malti ghandu l-espressjoni “ghal kull ghadma hawn mitt kelb”. Meta jonqsu l-klieb, ikun hemm aktar x’jitgerrem mill-ghadma ghall-klieb li jibqghu. U l-interess pubbliku jidher li huwa li jkun hemm anqas klieb halli l-ohrajn igawdu izjed mill-ghadma. Hawn m’hawnx il-kaz fejn l-istat inaqqas in-nies u jiffranka l-pagi taghhom, u jaghmel dan fl-interess pubbliku. Hawn se jibqa’ l-istess ghadma, li l-gvern ma jiehu minnha xejn, u flok igerrmuha mitt kelb igerrmuha anqas. Cui prodest? Fl-interess ta’ min qed isir dan kollu? Ghalhekk l-argument tal-interess pubbliku ma jezistix. Dan l-istess jekk il-gvern kellu jiddeciedi li jnaqqas il-hwienet li diga` ghandhom licenzja li jbieghu l-kotba. Il-kotba xorta jinxtraw imma minn anqas hwienet. Jaqbel biss lil dawk li tibqa’ ghandhom il-licenzja tal-hanut. Ta’ min jghid li l-foremen ma jircievu l-ebda hlas jew sussidju minghand il-gvern. Allura x’se jiffranka l-gvern? L-argument tal-interess pubbliku huwa ghalhekk fittizju ghal kollox u jahbi l-intenzjoni vera.

“Il-proporzjonalita`.

“Ma hemm l-ebda proporzjonalita` meta l-piz kollu jinxtehet fuq l-esponenti. Jekk il-licenzja tispicca mal-eta` ta’ wiehed u sittin sena, dan imur kontra kull principju affermat li persuna tista’ tahdem sa 65 sena, u wara tista’ tibqa’ tahdem u tiehu l-penzjoni. Apparti l-kwestjoni ta’ diskriminazzjoni li dwaru aktar ’il quddiem, fil-kaz tal-esponenti jfisser li huma jigu kompletament eskluzi mix-

xoghol. Kieku l-gvern u l-awtoritajiet fl-interess pubbliku riedu jnaqqsu t-tariffa, u din titqassam fuq kull foreman, wiehed ma jistax jilmenta legalment, ghalkemm jista' jkun hemm argumenti ohra ta' natura ta' class-interests. Imma hawn qed isir tentattiv biex jittiehdu l-klijenti kollha ta' dawk li jaqbzu l-61 sena, u necessarjament u infallibilment jinghataw lil haddiehor.

"L-anqas hemm proporzjonalita` meta, skond il-prattika u l-ligi fuq ix-xoghol, jipprevali l-principju tal-"last in first out". Ma hemmx proporzjonalita` ma' kriterji li gew stabbiliti u rikonoxxuti minn kulhadd. Li tinqeda f'eta` forzata ta' rtirar igib piz esagerat fuq min ma jistax minhabba eta` izghar jaddatta ruhu ghall-ghixien tieghu u tal-familja ghal xoghol jew intrapriza ohra. L-esponenti jsiru bla attivita` li jaghmlu, jafu jaghmlu u ilhom jaghmlu, u bl-ebda prospettiva li jibdew xi haga gdida.

"It-theddida ta' nuqqas ta' tigdid tal-licenzja huwa wkoll vjolazzjoni potenzjali tal-istess dritt ta' proprjeta`. Il-licenzja tiggedded ghall-iskop tal-hlas tal-erarju ta' dak li hi l-mizata. Imma jekk ma jirrikorrux ragunijiet gravi u specjali ghal kaz partikolari, ma tistax tigi rtirata licenzja. F'dan il-kaz, il-licenzja hija komparabbli ma' warrant ta' professjoni. Issa li l-gvern ma wasalx li tghaddi tieghu u jigi ffirmat ftehim illegali minhabba l-mandat ta' inibizzjoni ma jistax jinqeda b'sotterfugji halli jasal ghall-istess skop illegali. Jista' gvern jghid, per ezempju, li hawn avukati zejda u peress li nbidlet in-natura tax-xoghol, dawk li ghandhom aktar minn 61 sena jkollhom jirtiraw u l-warrant taghhom jittiehed? Jew sid ta' hanut, ghaliex ikun ghalaq certa hanut u jkun self-employed, ma tiggeddidx il-licenzja ghax hija prerogattiva tal-istat li meta tigi sena gdida jgedded il-licenzja? Fil-fatt it-tigdid ta' licenzja jikkoncerna biss il-hlas tal-mizata. Jekk ma jirrikorrux ragunijiet mfissra fil-ligi ghala ghandha tigi rtirata, il-hlas huwa l-uniku dover ta' min ikollu licenzja biex juri li jrid izomm tali licenzja. It-tigdid huwa fil-fatt att unilaterali ta' dak li jkollu l-licenzja, ghax jekk ma jhallasx ma jkunx kopert b'licenzja. Dan japplika minn licenzji banali bhal tal-karozza, tat-television, jew fl-imghoddi tal-klieb sa licenzja biex wiehed jaghmilha ta' bennej (Art 95 tal-Kodici tal-

Pulizija Kap. 10). Din ukoll tiggedded kull sena. Jekk wiehed jara l-Kap. 35 jirrizulta car li l-kwestjoni ta' licenzji hija dwar id-dhul ghall-erarju.

It-theddida li jsir regolament li jimponi l-eta` ta' irtirar saret u potenzjalment hemm qeghdha. Jekk issir ikollha effett immedjat, u dawk mir-rikorrenti li qabzu l-61 ikun milquta immedjatament u jkollhom jistennew sakemm tinqata' l-kwestjoni minhabba vjolazzjonijiet fattwali. Fil-frattemp ix-xoghol mhux se jieqaf, u l-klijenti ghalhekk jimxu ghand haddiehor.

"Huwa indubitat il-poter li l-parti legislattiva tal-istat ghandha li tohrog ligijiet, imma dawn ma jistghux imorru kontra l-Kostituzzjoni u anke konta l-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem. Inoltre l-poter li jkollu ministru tal-gvern li jaghmel regolamenti mhux assolut. F'dan il-kaz, il-Kap. 171 jaghti lill-Ministru l-poter li jaghmel regolament biex jistabilixxi meta foreman "jista'" jirtira. Issir enfasi fuq il-kelma "jista'". Din hija differenti mill-kelma li tuza l-Kostituzzjoni perezempju fl-Artikolu 97 meta titkellem fuq l-irtirar tal-Imhallef li "ghandu jivvaka". Bl-Ingliz issir id-distinzjoni bejn "may" u "shall". Ill-Ministru ghalhekk jista' jaghmel regolament meta foreman jista' (may) jirtira, u mhux meta foreman ghandu (shall) jirtira. F'dan il-kaz fl-Artiklu 17(b) hemm differenza bejn it-test Malti u t-test Ingliz, u naturalment jipprevali t-test Malti. It-test Malti jitkellem fuq meta "foremen…….jistghu jirtiraw". Fit-test prevalenti l-Ministru ghandu jedd johrog regolament li bih jistabbilixxi meta foreman jista' jaghzel li jirtira u mhux meta ghandu jirtira. Dan biex isir skond il-ligi u ma jkunx ultra vires.

"Imma dan mhux bizzejjed. Hemm test iehor li hu applikabbli. Dan hu t-test kostituzzjonali u konvenzjonali. Kemm hu intitolat Ministru li meta jrid jaqbad u jgieghel bil-fors persuna self-employed li jkollha tirtira mill-attivita` taghha? U b'dan il-mod jipprivah mil-licenzja tax-xoghol ghaliex effettivament ikun qed jirrevoka l-istess licenzja? Ma jistax isir regolament li jivvjola d-dritt ta' proprjeta` protett jew minhabba diskriminazzjoni.

"**Diskriminazzjoni**. It-trattament li mod jew iehor l-intimati jew min minnhom qed jipprovaw jaghmlu lill-esponenti huwa ghal kollox diskriminatorju u dan b'riferenza ghad-dritt ta' proprjeta` li hija l-licenzja. Qed jigi ghalhekk allegat ksur tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mehuda "in conjunction" mal-Art 1 tal-Ewwel Protokoll. "Dan ikun l-ewwel kaz fejn haddiema li mhumiex impjegati jkunu mgieghla li jirtiraw. L-ebda haddiem f'sengha jew professjoni, li ma jkollux employer, ma ghandux regola meta jirtira, apparti l-kwestjoni tal-penzjoni. Spizjar, Membru tal-Parlament, Avukat fil-privat, perit, bennej, negozjant, gurnalist free lance, u l-lista tista' tibqa' sejra ad infinitum. L-irtirar forzat jista' jkun biss fil-qasam fejn hemm persuna impjegata jew ghandha kariga li jkun hemm marbuta maghha l-eta`. Huwa sintomatiku li l-Parlament dan l-ahhar ghadda sahansitra emenda kostituzzjonali halli l-Magistrati jistghu jirtiraw mal-65 sena u mhux aktar mas-60 sena.

"L-ebda wiehed minn dawn kollha msemmija ma jittiehed il-warrant taghhom jew il-licenzja taghhom mal-eta`. Anke dawk li ghandhom il-kariga marbuta mal-eta` ma jfissirx li jitilfu l-licenzja jew il-warrant. U kien hemm ezempji ta' ex Imhallfin li regghu irrivertew ghall-warrant li kellhom ta' avukati. Il-kwestjoni tal-penzjoni huwa entitlement. Imma xejn ma jista' jzomm persuna li jkollha "licenzja" milli jkompli juzaha sakemm jaghzel huwa. Il-fatti li jkun hemm min jerfa' mix-xoghol ma jfissirx li ghax dan gie kostrett.

"Jirrizulta wkoll li hemm diskriminazzjoni bejn ix-xoghol fil-Port il-Kbir u x-xoghol fil-Freeport.

"Jirrizulta li hemm manuvrar biex issir diskriminazzjoni pozittiva favur xi foreman u dan ghal ragunijiet politici, liema tip ta' diskrimnazzjoni jissarraf b'diskriminazzjoni negattiva lejn ir-rikorrenti. Il-pjan kollu jirriduci ruhu li certi nies, bhal Gorg u Charles Portelli, ikunu assigurati minn klijentela li sal-lum ma rnexxilhomx jibnu.

"Ghalhekk it-trattament li qed jigi pjanat ghall-esponenti jikkostitwixxi diskriminazzjoni minhabba l-istatus taghhom u minhabba konsiderazzjonijiet ta' qrubija politika, liema

diskriminazzjoni m'ghandha l-ebda proporzjonalita`, bazi legali jew xi gustifikazzjoni. L-uniku skop li jrid jintlahaq huwa car li lejn certi nies issir diskriminazzjoni pozittiva, imma li tfisser diskriminazzjoni negattiva kontra l-esponenti. Fuq id-diskriminazzjoni pozittiva hija cara hafna l-Kostituzzjoni fl-Artiklu 45, meta titkellem fuq privileggi moghti lil xi hadd. Id-diskriminazzjoni mhux biss it-trattament hazin lil xi hadd, imma hija wkoll trattament mhux gust u ekwu lil ftit bi skapitu tal-ohrajn.

"Ghaldaqstant l-esponenti, fil-waqt li jitolbu l-allegazzjoni tal-atti kollha tal-mandat ta' inibizzjoni 1639/07 deciz fis-16 ta' Novembru, 2007, fl-ismijiet "Anthony Attard et vs Unjoni Haddiema Maghqudin et" jitolbu ulterjorment li din l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-licenzja li ghandhom, u li ilha ghandhom, l-esponenti bhala foremen fix-xoghol tal-port huwa dritt ta' proprjeta` u ma jistghux jigu privati minnu hlief kif stabbilit fil-ligi, inkluza il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ghalih japplika l-Art 1 tal-Ewwel Protokoll fl-iskeda tal-istess Kap. 319.

(2) tiddikjara li kull ftehim, nuqqas ta' tigdid tal-licenzja, jew imposizzjoni ta' irtirar forzat jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt protett mill-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u li n-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja jew li jkunu kostretti b'regolament li jirtiraw b'mod forzat jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-Art 14 tal-Konvenzjoni Ewropea mehud flimkien mal-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess, u l-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni.

(3) tordna lill-intimati jew lil min minnhom li bl-ebda mod ma jispussessaw lir-rikorrenti mid-dritt imsemmi fl-ewwel talba, la direttament u l-anqas indirettament, billi jaslu f'xi ftehim ma' nies ohra li ghandhom licenzja, jew billi ma tiggeddidx il-licenzja tal-esponenti, jew billi jsir regolament halli jigu forzati li jirtiraw mix-xoghol.

(4) stante l-urgenza tal-kwestjoni, u stante li hemm il-mandat ta' inibizzjoni, u biex ma tithallhiex il-possibbilita` li

b'nuqqas ta' tigdid jew b'regolament isiru l-vjolazzjonijiet, li din l-Onorabbli Qorti taghti pendente lite dawk ir-rimedji halli tassigura li ma jinbidilx l-istat attwali, u b'hekk jigi indirettament frustrati l-effetti tal-mandat u mwettqa l-vjolazzjonijiet hawn fuq lamentati.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni 1639/07."

Rat ir-risposta li ressqu l-Prim Ministru, il-Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni u l-Avukat Generali li in forza taghha eccepew:
"Illi l-attivita` ta' *foreman*, li huwa definit fl-Artikolu 2 tal-Ordinanza Dwar il-Haddiema tal-Port bhala:

'*"foreman"* tfisser kull persuna li, akkont taghha jew akkont ta' persuna ohra, timpjega haddiema tal-port;'

"hija wahda regolata bl-Artikolu 5 tal-Ordinanza Dwar il-Haddiema tal-Port (Kap. 171) li jghid hekk:

"*"Foremen.*
*Emendat:*
*IX. 1973.3;*
*XXIV.1977.4;*
*XVII.1991.82.*
**5.** (1) Ebda persuna ma ghandha tagixxi bhala *foreman* -
(a) jekk tkun haddiem tal-port;
**(b) jekk ma jkollhiex licenza ghal hekk mid-Direttur.**

**(2) Il-licenza tkun suggetta ghal dawk il-kundizzjonijiet li jkunu jinsabu fiha jew f'xi tigdid taghha, u tiskadi fil-wiehed u tletin ta' Dicembru ta' kull sena izda tista' tiggedded minn sena ghal sena:**
**Izda l-licenza ghandha tiskadi awtomatikament jekk il-*foreman* jigi misjub hati ta' serq li jkun sar matul jew dwar xoghol tal-port.**

"(3) Jekk xi *foreman* jikser jew jonqos milli jhares id-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew igib ruhu jew jimxi hazin hafna fil-kors ta' jew dwar ix-xoghol tieghu, f'dak il-

kaz, minghajr hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 18, id-Direttur jista' –

"(a) icanfru; jew
"(b) jissospendi l-licenza tieghu ghal dak iz-zmien li d-Direttur jista' jidhirlu xieraq; jew
"(c) ihassar il-licenza tieghu.

"(4) Qabel ma jasal ghal xi decizjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar subartikolu qabel dan, id-Direttur ghandu jaghti lill-*foreman* interessat l-opportunita` kollha biex jipprezenta l-kaz tieghu.

"(5) Matul kull procedura skond id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu *foreman* jista' jkun assistit minn dik il-persuna li jidhirlu xierqa.

"(6) Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tapplika ghal kuntrattur."

"Dan ifisser illi l-attivita` ta' foreman fil-port hija attivita` regolata b'ligi illi l-Gvern ghadnu d-dmir li jirregola wkoll amministrattivament tramite l-licenzjar fl-interess tal-ahjar andament tal-portijiet illi huma assi essenzjali ghall-pajjiz u ghall-hajja ekonomika tieghu.

"Illi f'dan il-kuntest il-pretensjoni tar-rikorrenti fis-sens illi minkejja illi l-licenzja ta' *foreman* tiskadi kull sena l-Gvern huwa obbligat illi jibqa' jgeddidha ghal dejjem u ma jista' jistabbilixxi ebda eta` ghall-irtirar tal-*foremen* hija pretensjoni mill-izjed infondata u estrema u tmur esplicitament kontra l-ligi illi trid illi d-Direttur kull sena jirrevedi jekk huwiex il-kaz illi jerga' jgedded il-licenzja ta' *foreman*.

"Wahda mill-konsiderazzjonijiet rilevanti ghad-decizjoni dwar jekk licenzja ghandhiex tiggedded jew le hija dik relatata mal-fatt illi l-*foreman* in kwistjoni jkun lehaq l-eta` normali tal-irtirar.

"Ghad illi l-eta` ta' irtirar ta' wiehed u sittin sena hija stabbilita ghall-haddiema tal-port u mhux ghall-*foremen*

dik l-eta` (anke *ut sic* u minghajr il-bzonn illi tigi ppruvata xi inabbilita` partikolari) hija konsiderazzjoni rilevanti ghad-decizjoni dwar jekk il-licenzja ta’ *foreman* ghandhiex tiggedded jew le meta tiintlehaq dik l-eta`.

“Huwa certament fl-interess pubbliku illi x-xoghol fil-port isir min-nies illi jkunu ta’ eta` lavorattiva u huwa assurd anke illi qeghdha tigi akkampata pretensjoni ghal licenzja infinita hlief forsi ghall-finalita` imposta mill-istess natura fuq il-bniedem.

“Huwa wkoll fatt risaput illi l-ghoti ta’ licenzji favur persuni li ma humiex ta’ eta` lavorattiva huwa propens li jwassal ghall-abbuz u ghall-parassitizmu fis-sens illi dawk il-persuni, ghax ma jifilhux u ghax il-bniedem ma jibqax li jkun, ma jibqghux jaghmlu x-xoghol li suppost jaghmlu u jibdew jikkonsidraw xogholhom bhala semplici negozju fejn huma jaqilghu l-flus semplicement billi jlaqqghu nies ohra biex jaghmlu x-xoghol u jinkassaw qliegh minn fuq ix-xoghol ta’ haddiehor. Tali degenerazzjoni hija socjalment u ekonomikament nociva u huwa evidenti illi l-Gvern ghandu kull dritt jipprova jevitaha sew jekk timmaterjalizza kif ukoll jekk ikun hemm perikolu li timmaterjalizza.

“Hawnhekk jista’ jkun jghallem il-fatt illi r-rikorrenti qeghdin iqabblu lilhom infushom ma’ negozjanti u qeghdin javvanzaw it-teorija illi l-licenzja tikkostitwixxi ‘proprjeta`’ prezumibbilment eternal li hadd ma ghandu dritt ma jgeddidhiex salv jekk xi hadd minnhom jinqabad jisraq jew igib ruhu hazin.

“F’dan ir-rigward ir-rikorrenti qeghdin ukoll jaghmlu referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet ‘Pudas vs Sweden’ (Sentenza tas-27 ta’ Ottubru 1987, Series A No 125-A).

“Izda l-kaz ta’ Pudas kien jittratta dwar revoka ta’ licenzja u mhux dwar nuqqas ta’ tigdid u *di piu* ma kien hemm ebda fattur ta’ irtirar bl-eta` involut fil-fatti tieghu. Li tghid illi licenzja hija fattur essenzjali fil-qliegh tal-ghixien certament m’hijiex l-istess haga bhal meta tghid illi

licenzja ghandha tinzamm ghal dejjem u li d-detentur taghha qatt ma jista' jirtira.

"Anke r-referenza *in extremis* ghall-principju *'last in first out'* ma taghmel l-ebda sens fil-kuntest tal-fatti ta' din il-kawza. Kieku kellu jigi applikat dan il-principju flok ma jirtiraw l-anzjani, bhal ma jigri f'kull post tax-xoghol, jirtiraw iz-zghar u n-nies fl-eta` lavorattiva u l-anzjani jibqghu hemm.

"Illi l-attentat sabiex ir-rispett ta' eta` tal-irtirar jitpinga bhala agir motivat minn motivi mhux xierqa billi jitpinga bhala ezercizzju li huwa propost biss biex jigu vantaggjati zewg persuni partikolari, li ma humiex fil-kawza u li fuqhom sar attakk gratuitu fir-rikors promotur, huwa wkoll svijjat u irrilevanti.

"Huwa manifest illi l-imsemmija tnejn min-nies m'humiex l-unici persuni li se jibqghu jahdmu ta' *foremen* jekk tigi rispettata eta` tal-irtirar. Apparti minn hekk dawn it-tnejn min-nies ikunu wkoll soggetti ghall-istess limitu tal-eta`. Huwa wkoll infondat illi azzjoni tal-amministrazzjoni maghmula bi qbil mal-maggoranza kbira tal-*foremen* titpinga bhala wahda ta' abbuz ta' poter ghall-beneficcju ta' tnejn min-nies meta huwa car u mill-izjed logiku illi r-rispett ta' eta` tal-irtirar hija haga mill-izjed normali fil-hajja lavorattiva ta' kulhadd.

"Ghalhekk l-esponenti jopponu t-talbiet tar-rikorrenti u jissottomettu:

(1) Illi r-rispett ta' eta` ta' irtirar ghall-foremen tal-port ma jqajjem ebda kwistjoni ta' nuqqas ta' rispett ghad-dritt fondamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta` kif protett fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-istess dritt moqri flimkien mad-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (Art 14 Konv u Art 45 Kost.) u illi n-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja oltre certa eta` bl-ebda mod ma jikkostitwixxi tehid jew anke kontroll ta' uzu ta' proprjeta`. Illi tali nuqqas ta' tigdid lanqas ma jikkostitwixxi ksur ta' xi aspettativa legittima billi l-unika aspettattiva legittima illi ghandu d-

detentur ta’ tali licenzja huwa illi juzufruijha sakemm tiskadi;

(2) Illi l-Gvern ghandu kull dritt illi kemm b’ligi, kemm b’regolament kif ukoll b’att amministrattiv jenforza eta` ragjonevoli ta’ irtirar bhal ma hija l-eta` ta’ wiehed u sittin sena li hija l-eta` ta’ irtirar tal-haddiema tal-Port u ta’ numru kbir ta’ haddiema f’dan il-pajjiz.”

Rat ir-risposta tal-Unjoni Haddiema Maghqudin li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi preliminarjament l-Unjoni Haddiema Maghqudin ma hijiex il-legittimu kuntradittur fl-odjerni proceduri stante illi hija ma ghandha ebda jedd u poter fuq id-drittijiet u l-jeddijiet msemmija mir-rikorrenti fir-rikors taghhom u *se mai*, id-drittijiet tar-rikorrenti jistghu jigu lezi mhux bil-ftehim iffirmat mal-Unjoni esponenta, izda meta u jekk il-Gvern johrog ir-regolamenti minnhom kontestati.

Illi fid-dawl ta’ dan allura, il-Union Haddiema Maghqudin ghandha, anke fl-ipotezi illi din l-Onorabbli Qorti ssib gustifikazzjoni fit-talba tar-rikorrenti, tiddikjara illi l-Union Haddiema Maghqudin, qua Union, mhix responsabbli ta’ ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, kif minnhom lamentat.

“2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva stante illi d-drittijiet pretizi mir-rikorrenti fir-rikors taghhom ghadhom ma gewx mittiefsa u ma ghandhom ebda prova certa jew garanzija illi ser jinbidlilhom xi drittijiet illi ghandhom bhalissa.

“3. Illi b’risposta ghal dak allegat mir-rikorrenti taht is-subartikolu **‘Ragunijiet ta’ kif tharrku l-intimati odjerni’** in kwantu jirrigwarda l-Unjoni Haddiema Maghqudin, jigi sottomess illi l-Unjoni esponenta qatt ma setghet tkun responsabbli ghal xi ksur tad-drittijiet lamentati mir-rikorrenti, u dan ghaliex indipendentement minn kwalsiasi ftehim mal-Union esponenta, sta ghal-legislatur/l-ezekuttiv illi jghaddi r-regolamenti in kwistjoni – u ghalhekk ir-rikorrenti ma jista’ jkollhom ebda dritt mittiefes mill-ftehim

propost mal-Union, izda biss mir-regolamenti per se, meta u jekk dawn isiru mill-amministrazzjoni governattiva.

"Illi inoltre jigi sottomess illi l-Unjoni Haddiema Maghqudin dahlet f'diskussjonijiet mal-Gvern bil-ghan illi r-regolamenti (liema regolamenti jistghu johorgu u jigu ppubblikati mill-Gvern fi kwalsiasi mument indipendentement minn kull diskussjoni mal-Unjoni) jkunu tal-akbar vantagg possibbli ghall-*foremen* involuti – u dan wara illi kienu l-*foremen* stess, **inkluz ir-rikorrenti,** li inkarigawha sabiex tidhol f'negozjati mal-Gvern dwar ir-regolamenti li kien hemm il-hsieb illi jigu pubblikati mill-Gvern, tant illi whud mir-rikorrenti kienu anke fis-sottokumitat tal-Union li ppartecipat fin-negozjati.

"Illi ghalhekk ma hemm xejn stramb fil-fatt illi l-Unjoni Haddiema Maghqudin tidhol f'diskussjonijiet mal-Gvern, fuq talba tal-membri taghha stess, anke jekk koncess illi dawn ghandhom status ta' "self-employed".

"Illi f'dan il-kaz, dan ma kienx "ftehim kollettiv" u huwa skorrett illi l-ftehim propost jigi ttimbrat bhala ftehim kollettiv. Dan kien biss ftehim sabiex jekk xejn, tigi evitata tilwima industrijali mal-Gvern mill-istess *foremen*. Ai termini tal-**Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta**, it-tifsira ta' **"haddiem"** ghall-finijiet tat-Titolu II tal-istess Att u cioe` ghal dak li jikkoncerna 'Relazzjonijiet Industrijali', tinkludi wkoll '*…dwar tilwima ta' xoghol li fiha l-principal ikun parti, "haddiem" tinkludi kull haddiem ukoll jekk ma jkunx impjegat minn dak il-principal'*.

"Illi ma ghandux ikun hemm dubju illi l-Union esponenta fid-diskussjonijiet taghha mal-entitajiet kollha tal-Gvern tfittex l-ahjar interessi ta' dawk li tkun qed tirrapprezenta, izda dan ma jfissirx illi jekk minoranza zghira taghhom ma jaqblux ma' xi ftehim milhuq, dawn ghandhom iwaqqfu l-process kollu ta' diskussjoni u ftehim b'detriment kbir, forsi akbar, ghall-membri l-ohra.

"Illi jekk ser ikun koncess illi l-minoranza tista' twaqqaf process approvat mill-maggoranza wara diskussjonijiet li Union tkun dahlet fihom u kif ukoll ftehim

milhuq, allura wiehed ikun qieghed ukoll jikkoncedi illi jistultifika l-process kollu tar-relazzjonijiet industrijali u kif ukoll il-hsieb, it-tradizzjoni u l-prattika dejjem accettata tad-demokrazija industrijali, b'detriment ghar-relazzjonijiet industrijali f'pajjizna.

"4. Illi b'risposta ghal dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors taghhom u iktar precizament taht is-subtitolu **'Kawzali ta' din l-Azzjoni'**, l-Unjoni esponenta tissottometti illi ghal kuntrarju ta' dak li jinghad mir-rikorrenti, is-sentenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani fl-ismijiet **Pudas vs Sweden**, fl-ebda parti mis-sentenza taghha ma stabbiliet illi licenzja hija koperta mill-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fil-fatt fil-kaz imsemmi, ghalkemm l-applikant kien allega ksur ta' dan l-artiklu, il-Kummissjoni Ewropeja kienet iddikjarat din l-allegazzjoni bhala inammissibbli, filwaqt li meta l-kaz wasal quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Umani, l-istess Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni ta' din l-allegazzjoni[1]. Ghalhekk jidher car illi ma hemm ebda dikjarazzjoni tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Umani kif qeghdin jallegaw ir-rikorrenti.

"Illi fid-digriet taghha meta laqghet il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1639/07FS, il-Qorti kkwotat silta mill-para 21 tas-sentenza Pudas vs Sweden, izda naqqset illi tikkwotaha fl-intier taghha. Il-Qorti hemmhekk ikkwotat illi – *A licence must be revoked if it has been misused in such a way that the holder can no longer be deemed suitable to provide the service, though in less serious cases a warning may be issued, it must also be revoked if the service is not maintained* – IZDA naqqset illi tikkwota parti ohra mill-istess para 21 – *A licence may be revoked … … when there are good grounds to suppose that this will be conductive to the rational organisation of transport.*

"5. Illi inoltre din l-Onorabbli Qorti zgur illi tinduna illi minn dak kollu lmentat mir-rikorrenti, ftit huwa dak li

[1] Para 44 tad-decizjoni - … ... the court consideres that it is not called upon to examine whether it has jurisdiction to entertain the complaint under Article 1 of Protocol No. 1, and if so, whether there has been a breach of this provision.

jirrigwarda l-Union esponenti stante illi l-istess Union la ghandha l-jedd illi tirtira xi licenzji tar-rikorrenti u wisq inqas li tillegisla dwar l-istess licenzja u ghalhekk kwalsiasi possibbli ksur tad-drittijiet ta' proprjeta` tar-rikorrenti u kwalsiasi diskriminazzjoni li jistghu isofru r-rikorrenti qatt ma tista' tigi min-naha tal-Unjoni esponenti izda biss mill-legislatur, jekk ikun il-kaz.

"6. Illi r-rikorrenti jaghmlu referenza ghar-regolamenti dwar ir-redundancy u donnhom jimplikaw illi l-Union esponenta kienet ser tkun qed tapplika l-principju ta' "last in last out" aktar milli l-principju "last in first out".

"Illi dan huwa ghal kollox skorrett u l-ftehim kien intiz sabiex bil-mizuri u r-riformi li l-Gvern ried illi jaghmel, ikun hemm pregudizzji mill-anqas lill-haddiema membri taghha. U fil-kuntest tar-riformi li l-Gvern ried illi jwettaq, il-propost ftehim kien definittivament l-ahjar ftehim li l-Union setghet tinnegozja mal-Gvern sabiex l-inqas numru possibbli ta' membri u bl-icken mod possibbli tali membri jigi effettwati negattivament.

"Dan huwa in effetti evidenzjat mill-fatt illi l-maggoranza assoluta tal-membri foremen approvaw l-istess ftehim.

"7. Illi r-rikorrenti stess isostnu illi t-tigdid ta' licenzja tikkoncerna biss il-hlas tal-mizata u huwa att unilaterali ta' dak li jkollu l-licenzja u ghaldaqstant l-Unjoni esponenta ma ghandha ebda poter fuq dan l-att unilaterali. Wisq inqas ghandha xi jedd fuq in-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja jew fuq xi regolament li jsir sabiex jimponi l-eta` ta' l-irtirar galadarba dawn iz-zewg kwistjonijiet jinsabu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Gvern/Ministru responsabbli u bl-ebda mod ma jistghu jsiru mill-Union esponenta.

"8. Illi l-istess argument su-riferit japplika ghall-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni b'riferenza ghad-dritt ta' proprjeta` fuq il-licenzja, stante illi l-Unjoni esponenta qatt ma tista' tiddiskrimina fl-irtirar jew it-tigdid tal-licenzji galadarba dawn bl-ebda mod ma jaqghu taht id-

diskrezzjoni taghha, u huwa biss il-Gvern illi jista' jirregolahom.

"9. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, galadarba ma giex pruvat illi l-licenzja hija koperta mid-dritt ghall-proprjeta` skond l-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u galadarba **l-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jrid jittiehed flimkien ma' artiklu iehor rigwardanti ksur ta' drittijiet umani,** it-tezi tar-rikorrenti dwar diskriminazzjoni *in conjunction* mal-Art 1 tal-Ewwel Protokoll ma jidhirx illi ghandha bazi fil-fatt u fid-dritt. Izda jerga' jigi ribadit illi in ogni caso, l-Unjoni esponenta qatt ma jista' jkollha ebda jedd fuq id-dritt ta' proprjeta` fuq il-licenzja li jista' jkollhom ir-rikorrenti galadarba l-ghoti jew l-irtirar ta' tali licenzja tiddependi biss minn decizjoni tal-Gvern.

"10. Illi r-rikorrenti stess fir-rikors taghhom isostnu illi fl-Artiklu 17(b) tal-Kap. 171 tal-Ligijiet ta' Malta hemm differenza bejn it-test Malti li jistipula illi l-Ministru ghandu l-poter illi jaghmel regolament biex jistabilixxi meta *foreman* "jista'" jirtira, u t-test Ingliz illi jghid illi l-Ministru jista' jaghmel regolamenti dwar '*…the age at which foreman employed by a contractor* <u>*shall*</u> *retire from work.*' Illi ghalkemm ir-rikorrenti jsostnu illi t-test Malti jipprevalixxi u allura skond huma l-Ministru jista' biss jaghmel regolamenti dwar meta *foremen* jista' jaghzel li jirtira, zgur illi t-test Ingliz huwa indikazzjoni tat-tifsira ta' dak is-subartiklu b'mod illi jindika d-diskrezzjoni assoluta illi ghandu l-Ministru illi johrog tali regolamenti – fuq liema regolamenti jerga' jigi sostnut illi l-Unjoni esponenta ma ghandha ebda jedd jew kontroll.

"11. Illi inoltre l-Unjoni esponenta qeghdha hemm biex tirrapprezenta l-haddiema kollha b'mod ugwali u sabiex tfittex l-ahjar interessi taghhom u hija kompletament estraneja ghal kwalsiasi allegazzjonijiet diskriminatorji kontenuti fir-rikors odjern.

"12. Illi sahansitra mit-talbiet tar-rikorrenti jidher car illi r-rimedji mitluba ma jistghux jinghataw mill-Unjoni esponenta izda biss mill-awtoritajiet koncernati.

"Ghaldaqstant, l-Unjoni esponenta filwaqt illi ggib is-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, titlobha sabiex tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju u fin-nuqqas, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1639/07."

Rat ir-risposta tal-Awtorita` Marittima ta' Malta li in forza taghha eccepiet illi:

"**1.0 <u>Introduzzjoni – Fatti</u>**

"1.1 Illi r-rikorrenti f'dawn il-proceduri Kostituzzjonali huma haddiema licenzjat bhala *foremen* skond il-Kap. 171 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-licenzja taghhom tiskadi fl-ahhar ta' kull sena, pero` tista' tiggedded. Huma qeghdin jippretendu u jitolbu rikonoxximent illi l-licenzja taghhom hija wahda dejjiema.

"1.2 Illi *foreman* huwa *self-employed* u xoghlu huwa essenzjalment li jorganizza l-haddiema tal-port skond il-bicca xoghol u jirrapprezentahom mal-agent tal-bastiment.

"1.3 In-numru totali ta' *foremen* licenzjati huwa ta' disgha u ghoxrin (29) u sa dan l-ahhar, minnhom wiehed u ghoxrin (21) ossia l-maggoranza assoluta huma rapprezentanti mill-intimata l-Union Haddiema Maghquda (UHM) u ghalhekk l-intimata fuq parir tad-Direttur tax-Xoghol innegozjat ma' l-istess Union intimata fuq ir-riforma tal-funzjonijiet ta' foreman.

"1.4 Illi, fil-kuntest tar-riforma tal-portijiet, bejn April 2006 u l-1 ta' Novembru 2007, saru b'kollox sittax-il laqgha bejn in-*Negotiating Team* appuntat mill-Ministru u r-rapprezentanti tal-foremen. Ta' min jghid illi ma hemm ebda obbligu legali ai termini tal-Kap. 171 tal-Ligijiet ta' Malta li ssir tali konsultazzjoni, pero` l-Gvern haseb illi jkun ghaqli li jsiru diskussjonijiet mal-foremen rigward tali riforma. Ghall-bidu l-laqghat kienu qed isiru mal-General Workers Union li dak iz-zmien kellha l-maggoranza tar-rapprezentanza tal-foremen. Sussegwentement il-laqghat

bdew isiru mal-Union Haddiema Maghqudin li, kif spjegat, assumiet il-maggoranza tal-*foremen* licenzjati.

"1.5 Illi minhabba l-izviluppi portwarji tul iz-zmien inhass illi n-numru ta' *foremen* licenzjati ghandu jonqos – dan ghaliex hafna mix-xoghol li kienu jaghmlu l-foremen issa gie assorbit f'servizzi offerti minn *terminals* specjalizzati fil-port. F'dan ir-rigward wiehed mill-punti li ntlahaq qbil fuqu kien illi l-*foremen* jibdew jirtiraw ta' l-eta` ta' wiehed u sittin (61) sena, li hija l-istess eta` stabbilita fil-ligi ghall-irtirar ta' *port workers*. Ghalkemm tali ftehim ma giex redatt bil-miktub u ffirmat, ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati Unjoni Haddiema Maghquda, Malta Maritime Authority u l-Onorevoli Prim Ministru sabiex dawn jigu inibiti milli jikkonkludu kwalunkwe ftehim verbali jew bil-miktub li jorbot lir-rikorrenti, Tali inibizzjoni huwa bir-rispett legalment vessatorju ghaliex kif gie osservat fil-proceduri ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni huwa l-Ministru ghall-Kompetittivita` u l-Kommunikazzjoniet li ma kienx parti fil-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni (ghalkemm gie nkluz bhala wiehed mill-intimati fil-kawza) li ghandu l-poter li johrog regolamenti dwar ix-xoghol ta' foreman inkluz dwar l-eta` tal-irtirar.

"**2.0 <u>Punti legali</u>**

"2.1 L-esponenti umilment tissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-mertu stante li l-jedd li qed jippretendu huwa inezistenti, u certament li ebda wiehed mill-intimati ma kiser jew sejjer jikser xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

"2.2 Illi essenzjalment, dak li qed jigi pretiz mir-rikorrenti huma li (i) huma ghandhom licenza *in aeternum* u li dan huwa dritt taghhom li ghandu jigi rikonoxxut minn din l-Onorabbli Qorti (ii) konsegwentement l-intimati kollha ghandhom jigu inibiti milli b'xi mod jilhqu xi ftehim li "jispussessahom" minn din il-licenzja dejjiema.

"2.3 Jigi umilment sottomess illi r-rimedju mitlub **imur kontra l-ligi** u ghalhekk ghandu jigi respint ghar-ragunijiet li gejjin:

"*2.3.1Il-ligi (Kapitlu 171) stess tistabilixxi illi licenzja ta' foreman tiggedded minn sena ghal sena u ghalhekk mhix ghal dejjem:*

Il-ligi rilevanti hija l-Ordinanza Dwar il-Haddiema tal-Port (Kap. 171 tal-Ligijiet ta' Malta) li tirregola l-impieg tal-haddiema tal-port u taghmel provvedimenti ohra li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

"Illi l-Artiklu 5 tal-Ordinanza jistipula illi

(1) ebda persuna ma ghandha tagixxi bhala *foreman*;
(b) jekk ma jkollhiex licenzja ghalhekk mid-direttur[2]

(2) Il-licenza tkun soggetta ghal dawk il-kundizzjonijiet li jkunu jinsabu fiha jew f'xi tigdid taghha u **tiskadi fil-wiehed u tletin ta' Dicembru ta' kull sena izda tista' tiggedded minn sena ghal sena** [emfazi mizjuda]

"Illi ghalhekk l-istess Ordinanza tistabilixxi illi l-licenza mhijiex wahda eterna, imma tiskadi fl-ahhar tas-sena u, kif tista' tiggedded, tista wkoll ma tiggeddidx. Ghalhekk l-unika dritt li jista' jkollhom ir-rikorrenti fir-rigward tal-licenza huwa li jgawduha sa l-ahhar tas-sena kurrenti, u mhux li tali licenza tibqa' tiggedded. Kif mela tista' qatt tali licenza tigi ekwiparata ma' "proprjeta`" fis-sens Kostituzzjonali jew Konvenzjonali?

"Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti umilment tissottometti illi l-analogija ma' licenza ta' hanut jew ma' *warrant* ta' avukat jew ma' licenza tal-klieb ma tregix. Ghandu jinghad l-ewwelnett fil-kaz ta' licenzi ta' foreman hemm *numerus clausus* u ghalhekk is-sistema mhijiex li jista' japplika

[2] Direttur Ezekuttiv Responsabbli ghall-portijiet.

kulhadd u jinghata licenza jekk jilhaq certi rekwiziti. Ir-rikorrenti kienu jaghmlu parti mill-grupp ta' foremen licenzjati u qatt m'opponew in-*numerus clausus* dment li kienu jgawdu minnu pero` issa li l-ezigenzi tal-port qed jitolbu tnaqqis fin-numru ta' foremen, qed jopponu bil-qawwa tali riforma.

"It-tieni nett, licenza ta' *foreman* hija differenti minn licenza ta' hanut minhabba illi ma tistax tigi ikkummercjalizzata, ma ghandhiex abbinata maghha xi "goodwill" bhal fil-kaz ta' hanut u timplika li l-persuna licenzjata hija l-persuna li fizikament twettaq ix-xoghol in kwestjoni. L-anqas ma tista' tintiret kif tista' tintiret licenzja ta' haddiema tal-port ghal darba biss lid-dixxendent dirett.

"Fl-ahharnett trid issir ukoll distinzjoni mill-kaz ta' *Pudas vs Sweden* li kien jitratta dwar revoka ta' licenzja ta' *taxi driver* mhux nuqqas ta' tigdid.

"*2.3.2Il-ligi taghti poter lill-Ministru sabiex johrog regolamenti dwar il-licenzja – mela din l-Onorabbli Qorti tista' tissindika l-ezercizzju ta' dak il-poter, imma mhux tinibixxi lill-Ministru milli jezercita dak il-poter li huwa moghti lilu mil-ligi.*

"L-artiklu 17 tal-Kap. 171 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi:

"Il-Ministru jista' jaghmel regolamenti ghall-ezekuzzjoni tad-dispozizzjonijiet ta' din l-ordinanza u, minghajr hsara ghall-generalita` ta' l fuq imsemmi biex

(b) jipprovdu… biex jistabilixxi n-numru ta' foremen li ghandu jkollhom licenza u l-eta` li fiha *foremen* impjegati minn kuntrattur jistghu jirtiraw."

"Illi kif osservaw l-istess rikorrenti hemm diskrepanza bejn it-test Malti u Ingliz ta' dan l-artiklu fis-sens li t-test Ingliz jirreferi ghall-eta` at which foremen employed by a contractor **shall** retire from work.

"Ir-rikorrenti qed josservaw illi huwa pacifiku illi f'kaz ta' diskrepanza ghandu japplika t-test Malti. Ghalhekk

qeghdin jikkonkludu illi "Fit-test prevalenti l-Ministru ghandu l-jedd johrog regolament li bih jistabilixxi meta foreman jista' jaghzel li jirtira u mhux meta ghandu jirtira."

"Jekk wiehed isegwi dan l-argument sal-konkluzjoni logika tieghu, wiehed jifhem li r-rikorrenti qed isostnu illi jekk, nghidu ahna, l-Ministru jistabilixxi l-eta` ta' 61 sena bhala l-eta` meta *foreman* jista' jirtira, mela *foreman* ikun legalment marbut li ma jirtirax qabel jaghlaq il-61 sena. Bir-rispett, dan huwa assurd, ghaliex ikun ifisser li l-ligi taghti poter lill-Ministru biex jordna xoghol furzat bi ksur tal-Kostituzzjoni!

"F'dan ir-rigward, l-esponenti taghmel referenza ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fl-ismijiet "St. George's Park Company Limited v. Dr Hugh Peralta et"[3] fejn intqal:

"Interpretazzjoni tajba ta' dispozizzjoni tal-ligi ma ghandhiex toqghod biss fuq dik id-dispozizzjoni mahruga mill-kuntest taghha, izda ghandha tqisha wkoll fid-dawl tal-htiega illi ma jinholqux antinomiji fl-ordinament guridiku, ghax *incivile est nisi tota lege perspecta una aliqua particular eius proposita iudicare vel respondere.*

L-interpretazzjoni tal-ligijiet mhijiex teknika mekkanika."

"Illi ghalhekk l-interpretazzjoni logika u korretta li tirrifletti l-intenzjoni tal-legislatur hija dik li l-Ministru jista' jaghmel regolamenti li jistipulaw meta foreman **ghandu** jirtira.

"Illi dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-kapijiet imnizzla taht l-Artiklu 17 mhumiex esklussivi, u huwa car illi l-Ministru qed jinghata l-poter li jaghmel kwalunwe regolament li jkunu xierqa biex jintlahqu l-ghanijiet ta' l-Ordinanza.

"Illi jekk wiehed jaccetta li l-Ministru ghandu l-poter jaghmel tali regolamenti, ir-rikorrenti qatt ma jistghu jippretendu li jinibixxu lill-Ministru mill-poteri moghtija lilu

[3] 9 ta' Gunju 2005

bil-ligi. Ovvjament, tali poteri ghandhom jigu applikati b'rispett lejn il-ligi, u l-Qrati nostrani ghandhom l-awtorita` li jissindikaw il-mod kif il-Ministru jaghmel tali regolamenti. Hadd pero` ma jista' jitlob *a priori* li l-Ministru jigi inibit milli jezercita poteri moghtija lilu bil-ligi.

*"2.3.3Il-ftehim kif suggerit, cioe` illi l-eta` tal-irtirar tkun ta' 61 sena tirrifletti kemm il-ligi u kemm dak li ftehmu fuqu l-maggoranza tal-foremen.*

"Minghajr pregudizzju ghall-punti fuq esposti, l-esponenti tissottometti illi s-suggeriment illi *foremen* jirtiraw tal-eta` ta' wiehed u sittin sena mhuwiex arbitrarju imma sorrett minn konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet li ntlahqu wara studju fil-kuntest akbar tar-riforma tal-port:

"2.3.3.1 Bl-izvilupp tal-industrija tal-port, certi xoghlijiet li qabel kienu ta' importanza kbira, issa naqqsu fl-importanza taghhom jew inkella jistghu jsiru minn anqas nies. Dan huwa l-kaz tal-*foreman* fejn, kuntrarjament ghal dak li jistqarru r-rikorrenti fir-rikors taghhom, ix-xoghol biz-zmien naqas u ghalhekk jista' jsir minn anqas nies. Il-Ministru, ai termini tal-Kap. 171 seta' ghamel regolament li permezz tieghu naqqas in-numru massimu ta' *foremen*. Minflok, saru diskussjonijiet u fil-kors ta' dan l-ezercizzju kien hemm qbil mill-maggoranza tal-foremen li tigi stabbilita l-eta` ta' 61 sena bhala l-eta` tal-irtirar. Ma dan qablu anke *foremen* li waslu qrib din l-eta` proposta tal-irtirar. Ir-rikorrenti pero`, minhabba li ghalqu il-61 sena qed jopponu ghal din il-proposta, minghajr ma jirrealizzaw illi l-licenza taghhom fi kwalunkwe kaz tiskadi fl-ahhar ta' kull sena u ghalhekk ma hemm l-ebda garanzija legali li sejra tiggedded. F'dan ir-rigward jinghad ukoll illi l-principju invokat mir-rikorrenti ta' *last in first out* ma japplikax fil-kaz tar-rikorrenti, li jsostnu huma stess li huma *self-employed*.

"2.3.3.2 L-eta` ta' wiehed u sittin sena tirrifletti dak li tistipula l-ligi ghall-kaz tal-haddiema tal-port, li jirtiraw ta' dik l-eta` skond il-ligi. Mhuwiex logiku illi waqt illi haddiem tal-port kwalunkwe ghandu data ta' irtirar stabbilita fil-ligi, il-*foremen* ikollhom xi dritt dejjiemi li jibqghu jaghmluha ta'

*foremen*. Tirrifletti wkoll l-eta` normali ta' rtirar f'diversi oqsma ohra tax-xoghol.

"2.3.3.3 L-eta` ta' 61 sena hija wkoll wahda ragjonevoli tenut kont tal-fatt illi suppost huwa l-licenzjatarju li jrid iwettaq ix-xoghol ta' *foreman* u ma jistax jiddelega xoghlu lil xi hadd li ma huwiex licenzjat. Ghalhekk jekk ma tigix stabbilita data ta' rtirar tista' taghti lok ghal abbuz fis-sens li l-licenza tinzamm minn persuni li lanqas huma fizikament idoneji biex jaghmlu xoghol manwali fil-port. Illi in sostenn ta' dan l-argument u kif jigi ppruvat fil-kors ta' dawn il-proceduri sahansitra wiehed mir-rikorrenti fil-fatt jippercepixxi pensjoni mill-Gvern u allura huwa ghandu jigi meqjus bhala pensjonant altru minn foreman.

"2.3.3.4 Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet huwa car li l-eta` ta' 61 sena ma ntghazlitx minhabba xi agenda mohbija jew diskriminatorja u ghalhekk certi dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti huma bir-rispett offensivi u gratuwiti.

"**3.0 Konkluzjoni**

"Illi in succint ghalhekk l-esponenti tissottometti illi r-rikorrenti qeghdin jivvantaw dritt ta' proprjeta` li fil-verita m'ghandhomx, qed jallegaw diskriminazzjoni fil-konfront taghhom illi ma tirrizultax mill-fatti u qeghdin jitolbu rimedji minn din il-Qorti li addirittura jmorru kontra dak li l-ligi tistipula.

"Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom."

Rat li b'digriet moghti minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar, 2009, giet milqugha talba tar-rikorrenti biex tizdied talba gdida fis-sens illi:
"*'(5) li l-avviz legali 437 tal-2007 huwa in vjolazzjoni tal-artikli tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni, u specjalment peress li l-istess legal notice harget oltre l-poter tieghu meta jista' jaghmel regolament meta foreman jista' jirtira u mhux ghandu jirtira'.*"

Rat li fl-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2010, quddiem l-ewwel Qorti, il-partijiet qablu li kellha tinghata sentenza dwar jekk hemmx vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali msemmija fir-rikors, izda jekk jinstab li hemm din il-vjolazzjoni; f'dan l-istadju ma tinghatax sentenza wkoll dwar ir-rimedju.

Rat is-sentenza preliminari li nghatat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kwistjoni li kellha quddiemha b'dan il-mod:
"Il-qorti għalhekk tgħid illi nkiser il-jedd tal-atturi għall-ħarsien tal-proprjetà tagħhom taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, safejn, bis-saħħa tal-Avviż Legali 437 tal-2007 li ma jiswiex għax *ultra vires* f'dik il-parti tiegħu li jistabilixxi l-età meta l-atturi kellhom jirtiraw mix-xogħol, ma iġġedditx il-liċenza tagħhom ta' *foremen* tal-Ħaddiema tal-Port. Billi l-istess avviż legali, f'dik il-parti msemmija, ma jiswiex u ma għandu ebda effett, diskriminatorju jew mhux, ma tqisx it-talba taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni.

"Għal dan il-ksur għandu jwieġeb il-Gvern ta' Malta li, f'din il-kawża, jidhru għalih il-Prim'Ministru, il-Ministru għall-Kompetitività u l-Kommunikazzjonijiet u l-Avukat Ġenerali iżda ma jwiġbux għalih il-konvenuti *Unjoni Ħaddiema Magħqudin* u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta billi ma kinux dawn li ħarġu l-avviż legali.

"Tordna li jitkompla s-smigħ għall-għanijiet ta' trattazzjoni dwar rimedju xieraq għal dan il-ksur, u tipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"6. Il-Fatti tal-Każ

"Il-fatti li wasslu għall-kawża tallum seħħew hekk: Il-gvern kellu l-ħsieb li jagħmel riforma fix-xogħol tal-port u, għalkemm kellu s-setgħa li jagħmel hekk b'leġislazzjoni, deherlu li kien aktar xieraq li r-riforma jagħmilha bi qbil ma' rappreżentanti ta' dawk li jaħdmu f'dak il-qasam. Għalhekk saru taħdidiet għal dan il-għan u f'dawn it-

taħdidiet l-*Unjoni Ħaddiema Magħqudin* kienet tieħu sehem fl-interess tal-*foremen* tal-ħaddiema tal-port billi dawn, fil-biċċa l-kbira tagħhom, kienu mseħbin magħha.

"Fost il-miżuri li sar qbil dwarhom kien hemm dik illi l-*foremen*, bħall-ħaddiema l-oħra tal-port, jirtiraw meta jilħqu l-età ta' 61 sena; dawn il-miżuri illum ġew implementati fl-Avviż Legali 437 tal-2007 li nħareġ taħt l-art. 17 tal-Kap. 171. L-atturi lkoll għalqu l-61 sena u għalhekk jintlaqtu b'din l-emenda, li jgħidu li ċċaħħadhom mill-proprjetà tal-liċenza u hija kontradittorja. Ma huwiex kontestat illi, ukoll qabel ma nħareġ dan l-avviż legali, il-liċenza ta' *foremen* tal-ħaddiema tal-port kienet tingħata għal sena u tiġġedded minn sena għal sena u dik tal-atturi, bħal tal-*foremen* l-oħra, għalqet fil-31 ta' Diċembru 2007. Billi fl-1 ta' Jannar 2008 ġà kellhom 61 sena jew aktar, il-liċenza ma ġġedditilhomx minn dakinhar, ħlief għall-attur Armando Chircop, li għalaq 61 sena fit-23 ta' April 2008 u l-attur Anthony Spiteri li għalaq 61 sena f'Diċembru 2008.
Waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2010 il-partijiet qablu illi f'dan l-istadju tingħata sentenza dwar jekk kienx hemm ksur ta' jeddijiet fondamentali iżda, jekk jinstab li kien hemm dak il-ksur, ma tingħatax ukoll sentenza dwar rimedju.

"7. Dwar il-ħames Talba tal-Atturi
Il-ħames talba tal-atturi trid illi l-qorti tħassar l-Avviż Legali 437 tal-2007 għax *ultra vires*. Dwar kif għandha tiftehem din it-talba l-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Frar 2009 qalet hekk:
«… … … Huwa minnu li, normalment, kawża għal dikjarazzjoni li liġi sussidjarja hija *ultra vires* il-liġi prinċipali ma timportax bħala konsegwenza neċessarja leżjoni ta' drittijiet fondamentali; iżda, mill-banda l-oħra, lanqas jista' jiġi eskluż aprioristikament li tali liġi sussidjarja, jekk tkun hekk *ultra vires*, tkun tista' twassal għal tali leżjoni, u dan speċjalment fid-dawl ta' dak li hu impliċitu għall-finijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni – *assumendo*, għall-grazzja tal-argument, li l-liċenzja li jivvantaw ir-rikorrenti hija "possediment" għall-finijiet ta' dana l-artikolu, *"[d]eprivations of property must also*

*conform with requirements of lawfulness, both as regards the existence of a basis for the measure in domestic law and the requisite quality of the law*." Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u speċjalment fid-dawl tal-premessi u t-talbiet kif miġjuba fir-rikors promotorju, inkluża t-tielet talba, it-talbiet kif miġjuba fir-rikors tas-6 ta' Marzu 2008 kellhom jintlaqgħu.»

"Dan, fil-fehma ta' din il-qorti, jfisser illi l-eżerċizzju li għandu jsir ma huwiex biss jekk l-avviż huwiex tassew *ultra vires* – li kien ikun biżżejjed biex l-avviż legali jitħassar li kieku din il-kawża kienet waħda fil-kompetenza ordinarja ta' din il-qorti – iżda wkoll jekk jolqotx dritt ta' proprjetà għax, f'dak il-każ, l-indħil fil-proprjetà – ukoll jekk ir-raġuni għalih tkun waħda tajba – xorta jkun bi ksur tal-jedd ta' proprjetà għax ma jkunx sar bis-saħħa ta' liġi li tiswa.

"Li rridu naraw qabel xejn mela hu jekk liċenza hijiex dritt ta' proprjetà jew "possidiment" għall-għanijiet tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

"8. Dwar jekk il-Liċenza ta' *Foreman* tal-Ħaddiema tal-Port hijiex Dritt ta' Proprjetà

"Dwar jekk liċenza ta' *foreman* tal-Ħaddiema tal-Port titqiesx proprjetà jew "possidiment", il-Qorti Kostituzzjonali, f'sentenza mogħtija fl-1 ta' Ottubru 2009 fil-kawża fl-ismijiet Victor Spiteri *v.* Avukat Ġenerali *et* – kawża li, bħal din tallum, kienet dwar jekk l-Avviż Legali 437 tal-2007 jiswiex, safejn irid li lil *foremen* ta' Ħaddiema tal-Port ma tiġġeddidilhomx il-liċenza meta jagħalqu 61 sena – qalet hekk:

«Li l-liċenzja ta' negozju għandha titqies bhala possediment tutelabbli hu *ormai* stabbilit fil-ġurisprudenza. Liċenzja għandha valur monetarju li biha persuna taqla' l-għixien tagħha u tal-persuni li tħaddem jew li jiddependu minnha. Liċenzja hija neċessarja biex persuna topera u għandha valur ekonomiku. F'dan is-sens il-Qorti ta' Strasbourg kemm-il darba ddeċidiet li *according to its case-law, the termination of a licence to run a business*

*amounts to an interference with the right to the peaceful enjoyment of possessions guaranteed by Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention*.

«Fil-każ in eżami l-qorti trid tara jekk in-nuqqas ta' tiġdid tal-liċenzja li kellu r-rikorrent kienx jammonta għal teħid jew indħil fil-possediment tar-rikorrent. Biex liċenzja titqies li hija possediment din trid tkun attwalment ġiet maħruġa favur il-persuna li jkollha n-negozju inkwantu li huwa bil-ħruġ ta' din il-liċenzja li dik il-persuna tirrealizza l-potenzjal li tgawdi l-proprjetà tagħha b'ċertu mod u mhux b'mod iehor. Hu risaput ukoll, però, li l-aspettattiva waħeda li persuna tingħata l-liċenzja ma tistax titiqies bhala possediment fiha nfisha u li *'Expectations' do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions'.*

«Fil-każ in eżami, fil-fehma tal-qorti, ir-rikorrent ma kellux biss aspettattiva, *cioè mere expectation* li l-liċenzja tiġeddidlu. Hu kien ilu bil-liċenzja kważi ħamsin sena u kull sena din kienet tiġġedded bla problemi ta' xejn sa mill-1958, *cioè* minn meta kellu 18-il sena. *Inoltre*, bħala *self-employed*, u bħal kull *self-employed* ieħor, ma kien hemm ebda impożizzjoni fuqu li biha jiġi mwaqqaf mill-eżerċizzju tax-xogħol tiegħu għax ma kien hemm ebda żmien stipulat li fih kellu jirtira. Ir-rikorrent ma kienx qed jistenna li kien se jiġi mġiegħel jirtira minhabba l-età meta hu dejjem osserva l-kundizzjonijiet li kellu fil-liċenzja. Fil-fehma tal-qorti l-aspettattiva tar-rikorrent kellha "*degree of concreteness*" konsiderevoli.

«Il-liċenzja li kellu r-rikorrent kienet waħda li kienet tiġġedded sakemm huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-liċenzja li kellu. Ma ġiex kontestat li r-rikorrent dejjem issodisfa l-kundizzjonijiet imposti fuqu fil-ftehim li kien marbut bih, u l-liċenzja dejjem iġġeddet *as a matter of course*. … … … Jirriżulta għalhekk li l-unika raġuni għaliex ma ġġedditx il-liċenzja wara li daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 327/2007 kienet minħabba l-kundizzjoni ġdida dwar l-età ta' ritrar. Din il-kundizzjoni ma kinitx xi kundizzjoni li kien hemm fil-ftehim oriġinali li kellu r-rikorrent, u r-regolament introdott ma kienx jinvolvi

biss sempliċi tibdil fil-kundizzjonijiet imma kienet effettivament żjieda fil-kundizzjonijiet li ġabu fix-xejn il-liċenzja li r-rikorrent kellu. B'dik il-kundizzjoni r-rikorrent spiċċa ma jistax jaħdem bħala *foreman* liċenzjat b'konsegwenza ta' telf finanzjarju u dan mingħajr ma ġie bl-ebda mod kompensat. Il-kundizzjoni introdotta kienet tekwivali għall-kanċellament tal-liċenzja li kellu.

«Għalhekk il-qorti tikkonkludi li r-rikorrenti kellu "possediment" tutelabbli u dritt ta' proprjetà li ġie mittiefes. Ma kinitx sempliċement kwistjoni li ma ġietx rinnovata liċenzja imma kien hemm indħil fid-dritt ta' proprjetà.»

"Din il-qorti taqbel ma' din il-konklużjoni u tgħid illi l-liċenza li kellhom l-atturi qabel din ma ġġedidtx aktar hija jedd ta' proprjetà u "possediment". Taqbel ukoll illi n-nuqqas ta' tiġdid ta' liċenza għall-għanijiet tal-kawża tallum jiswa daqs teħid tal-liċenza. Għalhekk ma setax sar jekk mhux bis-saħħa ta' liġi li tiswa ladarba, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tal-20 ta' Frar 2009, *"deprivations of property must also conform with requirements of lawfulness, both as regards the existence of a basis for the measure in domestic law and the requisite quality of the law*".

"9. Dwar jekk l-A.L. 437 tal-2007 huwiex *ultra vires*

L-Avviż Legali 437 tal-2007 inħareġ taħt l-art. 17 tal-Kap. 171 illi jgħid hekk:

"**17.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, u, mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' 'l fuq imsemmi, biex -

… … …

"(*b*) … … … jistabbilixxu … … … l-età li fiha *foremen* impjegati minn kuntrattur jistgħu jirtiraw;

Kif sewwa qalu l-partijiet, it-test ingliż ma jgħidx l-istess ħaġa għax jagħti lill-ministru s-setgħa li b'regolamenti jistabilixxi meta l-*foremen* "għandhom", mhux "jistgħu", jirtiraw:

"**17.** The Minister may make regulations for carrying the provisions of this Ordinance into effect, and, without prejudice to the generality of the foregoing, for -
… … …
"(*b*) providing for … … … the determination of … … … the age at which foremen employed by a contractor shall retire from work;

"Fil-parti li hija relevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum, ir-reg. 6 tar-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port [L.S.171.02] kif emendat bl-Avviż Legali 437 tal-2007 igħid hekk:

"**6.** (2) L-Awtorità [għat-Trasport f'Malta] ma għandhiex toħroġ liċenza skond dan ir-regolament jekk ma tkunx sodisfatta li l-persuna li tapplika għal liċenza –
… … …

"(*d*) ma jkunx għadu laħaq l-età tal-pensjoni statutorja;
Fi kliem ieħor, ir-regolament qiegħed jistabilixxi l-età meta l-*foreman* għandu jirtira (għax wara dik l-età ma tiġġedidlux il-liċenza) u mhux meta jista' jirtira. Dan, igħidu l-atturi, imur lil hemm mis-setgħa mogħtija mil-liġi ewlenija. Il-konvenuti, min-naħa l-oħra, igħidu li dak li jridu l-atturi hija interpretazzjoni mekkanika. Tassew illi t-test malti jegħleb fuq dak ingliż, iżda t-test ingliż ma għandux jiġi skartat għax huwa indikazzjoni ċara ta' x'kellu f'moħħu l-leġislatur. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni li jridu l-atturi hija assurda għax, jekk tiftehem letteralment, tkun tfisser li *foreman* ikun jista' jirtira biss meta jilħaq l-età stabbilita fir-regolament u mhux qabel.

"L-argumenti tal-atturi huma tajbin u validi; madankollu trid tqis ukoll illi hawnhekk għandha eżerċizzju mill-esekutiv ta' setgħa li proprjament hija dik tal-organu leġislativ tal-istat, u għalhekk l-esekutiv jista' jinqeda b'dik is-setgħa biss safejn iddelegata lilu. Fejn il-kliem tal-liġi huwa ċar, b'mod li l-intenzjoni tal-leġislatur tidher ċara, ma għandux jitwessa' b'interpretazzjoni mingħajr ma b'hekk jitqiegħed f'perikolu l-ekwilibriju bejn is-setgħat tal-organi tal-istat għax jiġu użurpati setgħat li huma tal-organu leġislativ.

"Fil-każ tallum il-kliem tal-liġi huwa ċar: il-ministru jista' b'regolament jistabilixxi meta *jista'* u mhux meta *għandu* l-*foreman* jirtira bl-età – din kienet l-intenzjoni tal-leġislatur kif espressa fil-kliem minnu magħżula; minflok, il-ministru bir-regolament stabilixxa meta *għandu* jirtira. Dan ma ngħatax is-setgħa li jagħmlu u għalhekk ir-regolament safejn jistabilixxi l-età meta *foremen* tal-ħaddiema tal-port għandhom jirtiraw, ma jiswiex bħala att leġislativ.

"Għalhekk, kull indħil li jsir fil-jedd tal-atturi għal-liċenza, ladarba jkun sar mingħajr is-saħħa ta' liġi, ikun illeġittimu, u għalhekk bi ksur tal-jedd għall-proprjetà. Billi iżda l-avviż legali, safejn jistabilixxi l-età meta *foremen* tal-ħaddiema tal-port għandhom jirtiraw, ma jiswiex, ma jista' jkollu ebda effett, diskriminatorju jew mhux. Għalhekk, ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tistħarreġ dwar l-ilment tal-atturi taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Prim' Ministru, tal-Ministru ghall-Kompetittivita` u tal-Avukat Generali li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza tas-7 ta' Novembru 2011 fejn instab ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u fejn instab illi l-Avviz Legali 437 tal-2007 ma jiswiex ghax *ultra vires* f'dik il-parti fejn jistabilixxi l-eta` ta' irtirar filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti kollha li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li l-Appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti u l-atti ghandhom jigu rimessi lil Ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni u biex tiddeciedi l-kumplament tat-talbiet.

Rat ir-risposta tal-Unjoni Haddiema Maghqudin li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, iddikjarat illi ghandu jinghad illi l-esponenti Unjoni Haddiema Maghqudin giet bl-aktar mod car illiberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-kawza odjerna, illi dan il-fatt ma giex

ikkontestat fl-appell imressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti izda huwa sahansitra inkluz fil-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti illi l-appellanti jixtiequ li tigi kkonfermata, u ghaldaqstant l-esponenti qeghdha permezz tal-prezenti risposta tipprotesta ruhha wkoll ghal kwalsiasi spejjez ulterjuri relattivi ghal din l-istanza, filwaqt illi zzomm ferm il-posizzjoni taghha illi ma ghandhomx isofru lanqas l-ispejjez tal-Prim Istanza.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, iddikjarat illi hija giet illiberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-kawza odjerna u ghalhekk l-appell ma jincidix fuq il-pozizzjoni taghha f'dawn il-proceduri.  Madanakollu, in vista tal-interess taghha fl-ezitu tal-appell, kif spjegat aktar kmieni, ghal kull buon fini taghmel referenza ghar-risposta taghha ghar-rikors promotur u bir-rispett tirriserva illi tressaq sottomissjonijiet ulterjuri waqt is-smiegh tal-appell odjern.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li waslu ghal din il-kawza jinsabu ben delineati fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti u mhux mehtieg li jigu ripetuti hawnhekk.

L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-licenzja ta' negozju li jgawdu r-rikorrenti hija possediment fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u ghalkemm l-istat ghandu certi poteri ta' kontroll dwar it-tgawdija u l-uzu ta' dawn il-possedimenti, dan ghandu, f'kull kaz, isir bis-sahha tal-ligi, u l-ligi li minnha qed jilmentaw ir-rikorrenti, l-Avviz Legali 437 tal-2007, kienet ultra vires il-poteri tal-Ministru li harigha, u kwindi dak li hu pprovdut fl-Avviz Legali ghandu jitqies null peress li ma hux regolat bis-sahha tal-ligi.

L-awtoritajiet governattivi li gew imharrka f'din il-kawza appellaw minn din id-decizjoni tal-ewwel Qorti u qed

jikkontestaw iz-zewg konkluzjonijiet principali li waslet ghalihom l-ewwel Qorti u li wassluha tikkonkludi li nkiser il-jedd tar-rikorrenti ghall-harsien tal-proprjeta` taghhom.

F'din il-kawza, ir-rikorrenti qed jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti mill-ewwel Artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Din id-dispozizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea taqra hekk – "*Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi privat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*

*"Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.*"

L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk fil-parti preliminari tieghu.
"*(1) Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –*

*(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;*
*(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u*
*(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti tal-Appell f'Malta."*

Fil-kaz in ezami l-intimati appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta sabet li l-licenzja tar-rikorrenti bhala *foremen* tal-haddiema tax-xatt hija "proprjeta`" jew "possedimenti", u wkoll meta sabet li l-kontroll ta' din il-proprjeta` jew possedimenti sar mill-Gvern mhux bis-sahha ta' ligi.

Meqjus il-kaz taht il-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti fil-kawza **Montanaro Gauci et v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali et**, deciza fil-25 ta' Novembru, 2011, qalet li l-ezercizzju li jrid isir taht l-artikolu rilevanti huma s-segwenti:

- "Are 'possessions' involved which fall within this provision?

- "If so, does the measure constitute a deprivation, a control of use or an interference with peaceful enjoyment?

- "Compliance: Legitimate aim (whether in general or public interest); lawfulness; margin of appreciation and proportionality (including procedural safeguards, compensation)."

Dwar l-ewwel element, ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira moghtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija wahda wiesgha u zgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' semplici proprjeta`. Kemm hu hekk "*the word 'possessions' … indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of individual interest***" (ara Harris, O'Boyle & Warbrick, "Law of the European Convention on Human Rights", (1995 Edit.) pagna 517). Kemm hu hekk, inghad li "*Property or possessions for the purposes of attracting the protection of Art. 1 of Protocol No. 1 covers a wide range of interests. Possession has an autonomous meaning independent of formal classification in domestic law, although recognition of a*

*proprietary interest by domestic courts is in practice highly relevant. It is not limited to ownership of physical goods: other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights. An interest in property, even if revocable in certain circumstances, can constitute a possession for the purposes of Art. 1 of Protocol No. 1* (ara K. Reid, "Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (2008 Edit.) pagna 502). Tant il-kelma "possedimenti" trid tinghata tifsira ampja illi skont ma jinghad fil-ktieb ta' Van Dijk et, "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (2006 Edit.) pagna 869.
"*According to constant case-law, "possessions" may be either existing possessions or valuable assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation of obtaining effective enjoyment of a property right*."

Ghal dan il-kaz, hu veru li l-licenzja tar-rikorrenti tiggedded kull sena, izda dak li jkun ghandu aspettattiva legittima li din tibqa' tiggedded regolarment (u, fil-kuntest tar-rikorrenti, bhas-soltu) jekk ma jkunx hemm ksur ta' xi kundizzjoni principali u jigu segwiti l-kriterji stabbiliti ghall-hrug tal-licenzja. It-titolar ta' licenzja bhal din ma jkollux biss speranza li l-licenzja tiggedded, izda aspettattiva legittima li jekk hu jimxi mal-ligi, l-istess licenzja ghandha tiggedded. F'dawn ic-cirkostanzi, id-duttrina tqis tali licenzja bhala possediment li tkun intitolata ghall-protezzjoni tal-Konvenzjoni.

Inoltre, din il-Qorti diga` stabbiliet li din il-licenzja partikolari hija possediment, u dan f'sentenza li tat fil-konfront ta' *foreman* iehor li kien igawdi licenzja bhal ma ghandhom ir-rikorrenti f'din il-kawza – ara **Spiteri v. Avukat Generali et**, deciza fl-1 ta' Ottubru, 2009, u li ghaliha ghamlet ampia referenza l-ewwel Qorti.

Ic-cirkostanzi tar-rikorrenti fiz-zewg kazijiet huma differenti, kif tajjeb irrilevaw l-appellanti, pero`, l-licenzja hija l-istess, u r-riferenza li saret mill-ewwel Qorti ghal dik is-sentenza kien biss biex tqis il-licenzja in kwistjoni bhala possedimenti, u din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat din

il-Qorti, diversament komposta, fil-kaz ta' "**Spiteri**", fis-sens li meta jkun kaz ta' licenzja li tiggedded regolarment, u ma jkunx hemm zmien indikat ta' meta dak li jkun ikun mistenni li jerfa' mix-xoghol liberu tieghu (self-employed), allura dik il-licenzja ghandha "an economic value" tutelabbli bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-licenzja in kwistjoni giet attwalment mahruga favur ir-rikorrenti, u bil-hrug taghha dawk il-persuni jistghu jirrealizzaw il-potenzjal li jgawdu l-proprjeta` taghhom b'certu mod u mhux b'mod iehor, u dak li sehh f'dan il-kaz ma kienitx semplicement kwistjoni li ma gietx rinnovata licenzja, imma kien hemm indhil fid-dritt ta' proprjeta`.

Dwar jekk dan l-indhil kienx, fl-ewwel lok, legali, l-appellanti jirreferu ghal kaz imsemmi ta' "**Spiteri**" fejn il-qorti qalet li l-indhil sar "*f'qafas legali*". Dak li ma qalux l-appellanti hu li ezatt wara din l-osservazzjoni l-Qorti qalet li "*Dwar dan m'hemmx kontestazzjoni mill-intimati*". Dan ifisser li l-punt specifiku tal-legalita` tal-Avviz Legali ma giex indirizzat mill-Qorti fil-kaz ta' "**Spiteri**" u dan peress li dak il-punt ma giex sollevat. Il-qrati jiddiskutu materja involuta f'kawza fid-dawl tal-eccezzjonijiet imqajjma, u l-qrati ma jistghux, u ma hux mistenni minnhom, li jiddiskutu kaz fid-dawl ta' kull eccezzjoni immaginabbli. Dak il-kaz ta' "**Spiteri**" gie trattat u deciz fuq il-binarji li l-partijiet ressqu ghall-quddiem il-Qorti u meta l-qafas legali ta' provvediment ma jkunx ikkontestat f'kawza, il-qorti aditta tagixxi bhallikieku dak il-qafas kien wiehed validu – dan, pero`, ma jfissirx li dak l-istess qafas ma jistax jigi kkontestat f'kawza ohra bejn partijiet differenti, kif gara f'dan il-kaz.

Kif gia` inghad, l-interferenza mill-istat trid tkun ukoll "lawful" u l-ewwel Qorti sabet li dan ma kienx hekk f'dan il-kaz, peress li l-Avviz Legali in kwistjoni kien ultra vires. Fil-fehma tal-ewwel Qorti dan gara peress illi fil-waqt li l-"*enabling law*" taghti fakolta` lil ministru jistabbilixxi l-eta` li fiha il-*foremen* "jistghu" jirtiraw, l-Avviz Legali relattiv jimponi eta` li fih il-*foremen* ghandhom jirtiraw, u dan ghamlitu billi stabbilixxiet wara liema eta` il-licenzja ma tiggeddidx. L-ewwel Qorti qalet li dan imur lil hinn mis-setgha moghtija mil-ligi ewlenija.

Hu veru li l-verzjoni ingliza tal-ligi ewlenija ma titraducix il-kelma "jistghu" f' "may", izda tuza l-kelma "shall", izda mhux biss din il-ligi harget wara l-Indipendenza ta' Malta, u allura ma japplikax il-principju li meta jkun hemm konflitt bejn it-test Ingliz u t-test Malti fil-ligi, jipprevali t-test Ingliz (ara **Farrugia v. Agius**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Jannar, 1950), izda wkoll l-Artikolu 8(3) tal-Att tal-1980, Dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Statutorji jipprovdi li
"*Jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta' xi edizzjoni riveduta, it-test Malti ghandu jipprevali.*"

Il-ligi in kwistjoni hija wahda minn dawk inkorporati fl-edizzjoni riveduta tal-ligijiet u kwindi ghandu zgur japplika t-test Malti. La darba t-test Malti hu car, wiehed ma ghandux jipprova jara aliunde x'setghet kienet l-intenzjoni tal-legislatur, u la darba l-Ministru responsabbli nghata biss is-setgha jistabbilixxi eta` meta *foreman* ikun <u>jista'</u> jirtira, ma setax imur oltre u <u>jimponi</u> eta` li fiha <u>kellu</u> jirtira. Hemm differenza bejn li tghid li wiehed jista' jirtira ta' 61 sena, u li tghid li ghandu jirtira ta' dik l-eta`. Fil-fatt fil-kawza **Cutajar v. Direttur tal-Ufficcju Kongunt**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April, 2012, id-differenza bejn iz-zewg kelmiet giet sinjalata b'dik il-Qorti tirrimarka illi:
"*Fil-fatt dwar dawk il-proprjetajiet l-avviz jghid biss illi "it-trasferiment jista' jsir ukoll", u mhux li "ghandu jsir". Fi kliem iehor, kull ma jaghmel l-avviz hu li jaghti lill-gvern is-setgha – mehtiega taht l-art. 3(1) tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern [Kap. 268] – sabiex ikun jista' jittrasferixxi l-proprjeta`, izda ma jimponi ebda obbligu li jaghmel dak it-trasferiment.*"

L-appellanti jghidu wkoll li wiehed irid iqis l-iskop tal-Avviz Legali u dan biex ma jhallix nies anzjani jahdmu fix-xatt, pero`, ghal dan wiegbet din il-Qorti fil-kaz imsemmi ta' "**Spiteri**", fejn din il-Qorti ghamlet dawn il-kummenti dwar dan l-allegat skop:
"Il-Qorti mhux konvinta li fil-kaz tar-rikorrent, ir-raguni ghaliex giet introdotta l-eta` tal-irtirar tal-*foremen* kienet biss ghax inkella dawn kienu jibqghu jahdmu sakemm imutu (ara x-xhieda ta' L. Cilia) jew minhabba l-perikolu involut f'dan ix-xoghol (ara x-xhieda ta' Gejtu Vella). Kien

hemm prevvist fil-licenzja tar-rikorrent li *foreman* li jaghlaq il-61 sena seta' jintalab li jigi ezaminat minn Bord Mediku u l-licenzja tigi kancellata jekk il-Bord ma jsibx il-persuna fizikament tajba ghax-xoghol ta' *foreman* (ara fol. 142). Fil-fehma tal-Qorti, il-mizura li hadu l-intimati meta ziedu l-kundizzjoni dwar l-irtirar u b'hekk ir-rikorrent spicca bla licenzja ma kienitx l-unika mizura possibbli, imma kienet mizura estrema u drastika fl-effetti taghha, li tterminat ix-xoghol tar-rikorrent bhala *self-employed* mill-ewwel minghajr lanqas biss inghata kumpens."

Ghalhekk, il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li bil-mizura li ttiehdet mill-intimati appellanti gew lezi d-drittijiet ta' proprjeta` tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Prim Ministru, Il-Ministru ghall-Kompetittivita` u l-Avukat Generali billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez marbuta ma' dan l-appell jithallsu in solidum mit-tlett appellanti.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kawza skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------